# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2019.**

**Numru 9**

**Rikors maħluf numru 346/2011**

**Joseph Micallef, Mario Micallef, Maria Cassar, Saviour *sive* Salvu Micallef, Anna Abela, Biagio Micallef u Veronica Grima**

***v.***

**George Micallef**

1. Dan huwa appell tal-konvenut George Micallef minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2014 li iddikjarat illi meta l-konvenut deher fuq att pubbliku ta' xiri ta' immobbli dan għamlu mhux fl-interess tiegħu iżda bħala *prestanome* tal-awtriċi tal-partijiet, u l-qorti għalhekk ordnat il-pubblikazzjoni ta' att li jiddikjara li s-sidien tal-immobbli huma l-partijiet flimkien bħala werriet tal-awtriċi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-partijiet fil-kawża tallum huma aħwa ulied Theresa Micallef, li mietet fil-31 ta' Diċembru 2007. Fil-11 ta' April 1986 il-konvenut kien deher bħala xerrej fuq att ta' bejgħ-u-xiri ta' immobbli li dak iż-żmien kien f'idejn l-omm b'titolu ta' kera. L-atturi jgħidu illi għalkemm il-konvenut deher bħala x-xerrej f'ismu, fil-verità kien qiegħed jidher bħala *prestanome* fl-interess tal-omm, li kienet ħarġet il-flus biex inxtrat il-proprjetà.

3. Wara l-mewt tal-omm wirtuha l-partijiet f'ishma ndaqs, u għalhekk l-atturi jgħidu illi llum huma flimkien mal-konvenut komproprjetarji tal-immobbli. Għalhekk fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi meta [l-konvenut] deher fuq l-att ta' bejgħ datat 11 ta' April 1986 in atti Nutar George Cassar huwa għamel hekk bħala *prestanome* ta' ommu d-defunta Theresa Micallef;
>
> »2. tiddikjara illi għalhekk effettivament il-fond … għandu bħala sidien tiegħu [lill-attiri] kollha u lill-istess [konvenut] fi kwoti ndaqs bejniethom b'mod indiviż *stante* li l-istess aħwa Micallef huma l-eredi legali tad-defunta Theresa Micallef;
>
> »3. tordna li jiġu pubblikati l-atti relattivi sabiex l-atturi u l-intimat jiġu dikjarati bħala sidien tal-fond … u għal dan il-għan jiġi nominat nutar pubbliku sabiex iħejji tali atti pubbliċi jekk ikun il-każ;
>
> »4. tinnomina kuraturi deputati għall-eventwali kontumaċi.«

4. Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni li l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjon taħt l-artt. 2147, 2148 u 2149 tal-Kodiċi Ċivili u illi, f'kull każ, it-talbiet tal-atturi huma "infondati fil-fatt u fid-dritt".

5. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Illi kif jidher mill-att promotur l-atturi qed jitlob li din il-qorti tiddikjarahom proprjetarji flimkien mal-istess konvenut fi kwoti ndaqs tal-fond imsemmi peress li, skont huma, meta sar l-att tal-akkwist dan sar anke

favur tal-konvenut minflok ommhom. Fil-fatt ħarġet il-flus biex inxtara l-fond. Skont l-atturi, dan sar biex hi tkun tista' tibqa' tibbenefika mis-servizzi soċjali għaliex kieku l-akkwist sar f'isimha dan kien jiskwalifikaha milli tkompli tagħmel dan.

»Illi f'termini legali l-atturi allura qed isostnu li l-konvenut serva biss bħala *prestanome* fl-att in kwistjoni:

> »"il-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jeżerċita drittijiet ta' proprjetarju, mentri fir-realtà huwa sempliċiment mandatarju. Meta huwa f'din il-kwalità ta' mandatarju prestanom jakkwista l-proprjetà ta' ħaġa mmobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tiġi trasferita l-proprjetà tal-ħaġa u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiż akkwirent, mhux ħlief mandatarju" (<u>Prof. Anthony J. Mamo *noe v.* Nobbli Charles Sant Fournier</u> – Qorti tal-Appell, 2 ta' Mejju 1957).

»Illi l-qorti kellha okkażjoni tisma' l-partijiet jixhdu u tagħmilha ċara li, minn dak li semgħet u setgħet tikkonstata, il-verżjoni tal-atturi jidhrilha li hija kredibbli filwaqt li l-konvenut ma tantx huwa affidabbli bħala xhud. Mid-dokumenti bankarji esebiti, ma hemmx dubju li omm l-atturi għamlet il-ħlasijiet kollha lill-bank minn meta sar il-kuntratt, u għalhekk huwa wkoll verosimili li kienet ħarġet ukoll il-bilanċ li tħallas fuq il-kuntratt. Għalhekk hija ħallset il-post kollu. Jista' jagħti każ li l-konvenut (li kien għadu ġuvni u jgħix m'ommu) kien ħareġ xi flus 'l hawn u 'l hemm biex saru xi miljorament fil-fond, u għal dan għandu jitħallas jekk u meta jagħmel it-talba fir-rigward, iżda biex tiġi sodisfatta l-ġustizzja ma hemmx dubju għall-qorti li l-fond għandu jappartjeni lill-atturi.

»Illi kif ġie deċiż fis-sentenzi riportati fil-Vol. XXVIII-60 u XXXVII-I-350:

> »"il-prestanome li jkun ġie verbalment kostitwit mandatarju hu fl-obbligu li jaddivjeni għall-formalità tal-att pubbliku biex minnu jkun jirriżulta *di fronte* għat-terzi li dak l-akkwist, apparentment magħmul mill-mandatarju f'ismu propju, kien fir-realtà ġie magħmul għall-mandant tiegħu u, jekk il-mandatarju ma jottomperax ruħu għal dan l-obbligu, huwa jista' jiġi kostrett mill-mandant għall-eżekuzzjoni speċifika ta' dak l-obbligu tiegħu li jittrasferixxi lill-mandant il-fondi akkwistati f'ismu proprju."

»F'dan is-sens ukoll wieħed jista' jiċċita s-sentenzi ta' din il-qorti fl-ismijiet <u>Galea *v.* Gauci</u> (deċiża fl-24 ta' April 1931), <u>Meli *v.* Meli</u> (deċiża fil-25 ta' Mejju 1927), u <u>Briguglio *v.* Parnis</u> (deċiża fit-28 ta' Diċembru 1928).

»Illi *una volta* l-qorti hija konvinta li l-verżjoni tal-atturi hija verosimili u legalment proponibbli jibqagħlha tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjonij tal-konvenuti. Minn eżami tal-artikoli indikati mill-konvenut, jirriżulta indubbjament li ebda wieħed mis-subinċiżi ta' kull artikolu ċitat mill-konvenut ma huwa applikabbli.

»Illi barra minn hekk fir-rigward tal-preskrizzjoni għandu jingħad ukoll li, skont is-sentenza fl-ismijiet <u>Norman Bezzina *et v.* Anthony Caruana *et*</u> (deċiża fit-28 ta' Ottubru 2003) u l-ġurisprudenza indikata minnha, il-mandant isir il-proprjetarju fil-mument tal-akkwist, u kwindi ma hemm xejn x'wieħed jippreskrivi; … L-eċċezzjoni l-oħra hija fattwali u allura l-qorti ma għandhiex x'iżżid ma dak li ġà qalet.

»Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi, u għall-fini tat-tielet u r-raba' talba tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Norma Vella Bardun bħala kuratur tal-eventwali kontumaċi. Il-kuntratt relattiv għandu jiġi pubblikat f'data li tiġi ffissata mill-qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew min-nutar nominat.

»L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.«

6. Il-konvenut appella b'rikors tat-18 ta' Lulju 2014 li għalih l-atturi wieġbu fit-30 ta' Lulju 2014.

7. L-aggravji tal-appell jolqtu, fil-parti l-kbira, l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-ewwel qorti, partikolarment meta emmnet il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-atturi u warrbet dik tal-konvenut. Il-konvenut appellant ressaq ukoll, fit-tielet aggravju, argument imsejjes fuq *causa illecita.*

8. Huwa minnu illi, kif sewwa jgħidu l-atturi, l-ewwel qorti – li semgħet lill-partijiet jixhdu u rat l-imġiba tagħhom waqt li qegħdin jixhdu u jwieġbu għall-mistoqsijiet li sarulhom – kienet f'posizzjoni aħjar milli tista' tkun din il-qorti biex tagħmel apprezzament tal-kredibilità ta' xiehda. Huwa għalhekk illi, bħala regola, din il-qorti ma tiddisturbax, jekk mhux għal raġuni gravi u konvinċenti, apprezzament ta' xiehda magħmula minn qorti tal-ewwel grad.

9. Madankollu, ma huwiex biżżejjed li jingħad biss, bħala raġuni għala parti ma titwemminx, illi "l-qorti kellha okkażjoni tisma' l-partijiet jixhdu u tagħmilha ċara li, minn dak li semgħet u setgħet tikkonstata, il-verżjoni tal-atturi jidhrilha li hija kredibbli filwaqt li l-konvenut ma tantx huwa affidabbli bħala xhud", bla ma tagħti r-raġuni għala waslet għal din il-konklużjoni. Dan ikompli jitfa' fuq din il-qorti r-responsabilità li

tagħmel hi wkoll apprezzament tax-xiehda għalkemm ikollha toqgħod biss fuq it-traskrizzjoni tax-xiehda mingħajr il-vantaġġ li kellha l-ewwel qorti li tisma' u tara lix-xhieda waqt li qegħdin jixhdu.

10. Din il-qorti jkollha tistqarr li, wara li qieset ix-xiehda tal-partijiet u tax-xhieda minnhom imressqa, ma ssib xejn fix-xiehda tal-konvenut li jwassalha biex tgħid li x-xiehda ta' dan tidher minnha nfisha li ma hijiex ta' min joqgħod fuqha. Ċertament, ma jistax jingħad li huwa tant ovvju li l-konvenut ma huwiex ta' min joqgħod fuqu li dan huwa biżżejjed biex jintlaqgħu t-talbiet tal-atturi bla ma dawn iressqu l-aħjar xiehda tal-elementi meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tagħhom.

11. Dan qiegħed jingħad għax l-atturi ma ressqux l-aħjar xiehda – u, anzi, ma ressqu ebda xiehda tassew konkreta – ta' element importanti tal-azzjoni tagħhom.

12. L-azzjoni tal-atturi hija illi kien hemm simulazzjoni fil-kuntratt li bih il-konvenut xtara l-immobbi, fis-sens li l-konvenut, għalkemm deher li qiegħed jixtri f'ismu, fil-verità xtara bħala mandatarju f'isem ommu. Ir-raġuni għal din is-simulazzjoni – il-*causa simulandi* – jingħad li kienet biex l-omm tkompli tingħata benefiċċji soċjali li kienet titlef il-jedd għalihom jekk ikollha proprjetà immobbli fuq isimha.

13. L-aħjar xiehda ta' dan – kemm tal-fatt li l-omm kienet tieħu benefiċċji soċjali u kemm tal-fatt li kienet titlifhom jekk tixtri f'isimha – kien ikun id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li iżda ma tressaqx biex jixhed. Fil-fatt kull ma hemm bħala xiehda hija biss allegazzjoni tal-atturi, li ma hijiex biżżejjed.

14. Setgħet tresqqet biex tixhed ukoll il-bejjigħa, Lorenza Gili, li tiġi z-zija tal-partijiet, biex tixhed dwar in-negozjati li wasslu għall-bejgħ, jekk dawn sarux mal-omm fl-interess tagħha jew sarux fl-interess tal-konvenut. Din ix-xhud ukoll ma tressqitx.

15. L-atturi jistrieħu biss fuq l-allegazzjonijiet tagħhom u fuq il-fatt li l-omm ħadet self mill-bank, għalkemm dan is-self jidher li sar mhux biex jiffinanzja l-prezz iżda biex isiru alterazzjonijiet fil-fond mixtri. Tassew illi jekk tassew sar dan is-self – u ma hemmx prova konklużiva li fil-fatt sar – il-fatt li l-omm isselfet flus f'ismha huwa indikazzjoni tal-interess tagħha fil-fond mixtri; fil-fatt, il-fond dak iż-żmien kien mikri lilha. Dan iżda ma huwiex konklużiv li l-fond inxtara fl-interess tagħha, kemm għax l-omm ukoll kienet tinqeda bil-fond, u għalhekk kellha interess fih għalkemm mhux bilfors bħala sid, u kif ukoll għax mhux l-omm biss ħarġet flus: l-attur Mario Micallef xehed li hu wkoll ħareġ flus biex saru xogħlijiet fil-post[1]; dan ma jfissirx li l-post inxtara wkoll fl-interess ta' Mario Micallef.

16. Mingħajr prova ta' *causa simulandi* ma tistax tirnexxi azzjoni ta' simulazzjoni. Min-naħa l-oħra, ukoll jekk noqogħdu fuq il-kelma tal-atturi dwar il-*causa simulandi*, dan ikun fatali għall-azzjoni tagħhom. L-atturi fetħu din il-kawża bħala werrieta u *aventi causa* ta' ommhom u għalhekk ma għandhomx aktar drittijiet milli kien ikollha ommhom li kieku l-azzjoni fetħitha hi. Issa jekk tassew l-omm inqdiet bil-konvenut biex jidher f'isimha u hekk tqarraq bid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali

---

1 Xiehda b'*affidavit* ta' Mario Micallef, *fol.* 31.

biex tkompli tingħata benefiċċji soċjali li ma kellhiex jedd għalihom, l-azzjoni tintlaqat b'*causa illecita*, u *ex turpi causa non oritur actio*. Tassew illi l-konvenut ukoll kien ikun kompliċi fil-qerq, iżda *in pari turpitudinis causa melior est condicio possidentis.*

17. Mela jew l-azzjoni ma tirnexxix għax ma hemmx prova ta' *causa simulandi*, jew hemm prova ta' *causa simulandi* li hija illeċita. F'kull każ għalhekk l-azzjoni tal-atturi ma tistax tirnexxi.

18. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tal-atturi.

19. L-ispejjeż tal-ewwel grad relativi għall-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni (li ġiet miċħuda mill-ewwel qorti u ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza) iħallashom il-konvenut. L-ispejjeż l-oħra tal-ewwel grad u l-ispejjeż kollha tal-appell iħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr